# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Frar 2019**

**Kawza Numru : 29**
**Rikors Guramentat Numru : 274/2018/LSO**

**Emad Ali Abdussalam Jwilg Karta ta' Identita' nru. 0111055A, u martu Fairuz El Hamruni, Karta ta' Identita' nru. 0111056A kif ukoll bhal Kuraturi 'ad litem' ta' binthom minuri Roben**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku, u, ghall-interess li**

**ghandu jew jista' jkollu l-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Emad Ali Abdussalam Jwilg u martu Fairuz El Hamruni datat 26 ta' Marzu 2018 fejn bil-gurament taghhom ikkonfermaw:-

Illi huma ta' nazzjonalita' Libjana izda ilhom xi snin joqghodu Malta, fejn l-attur jahdem u fejn ghandhom tlett (3) itfal minorenni li jattendu l-iskola privata San Andrea - cioe', zewg subien u tifla. It-tifla twieldet tas-Sliema, Malta fl-10 ta' Dicembru 2013, kif jidher mill-anness Certifikat tat-Twelid immarkat Dok. A.

IIli sfortunatament, meta giet registrata t-tifla msemmija, l-isem taghha tnizzel bhala "ROBEN", mentri l-isem veru u reali kellu jkun "RUBY", isem maghzul mill-Omm u li kienet qalitu verbalment lil zewgha (u lil huh li dak iz-zmien kien qieghed Malta) ftit wara li welldet it-tarbija.

Illi meta dawn it-tnejn marru jirregistraw it-twelid tat-tarbija fl-ufficcju tar-Registru Pubbliku, kien tkellem mal-ufficjal inkarigat, *mhux* il-missier (li ma kienx jaf bl-Ingliz dak iz-zmien), izda huh Mohamed Ali Gweleg, residenti fl-Ungerija, li kien jaf bl-Ingliz u l-missier ghalhekk talbu jitkellem hu. Pero' dan tal-ahhar, kien fehem l-isem "Ruby",

imlissem mill-Omm lilu u lil huh fl-iSptar, bhala "Roben", u lill-ufficjal koncernat hekk indika l-isem...cioe' **Roben, kif jidher fit-tielet (3) kolonna tac-Certifikat hawn esibit.** Dwar dan, l-istess Mohamed Ali Gwelg iddispjacieh ferm meta hu u l-genituri ittendew li sar dan l-izball, u volontarjament halef Affidaviti quddiem in-Nutar Tonio Cauchi biex jispjega l-akkadut, u li jinsab hawn anness bhala Dok. B.

Illi l-genituri ma gewx "in se" mill-ewwel illi dan l-zball tipografiku fl-isem kif indikat fl-Att tat-Twelid, ma kienx semplici zball zghir fl-“i*spelling"* izda kien jirrispekkja isem **maskili** u mhux femminili, izda meta gew biex dahhlu t-tifla l-*kindergarten* huma irrealizzaw li din l-affari kienet tehtieg l-attenzjoni taghhom.

llli din binthom sa mit-twelid kienet tissejjah u tigi pprezentata fost kullhadd bhala **RUBY** Emad Ali, u mhux "Roben"...u sahansitra fil-Passaport Libyan taghha u fil-karta tal-identita' Maltija, irnexxielhom illi l-isem jitnizzel kif suppost cioe' "RUBY" (Ara l-annessi Dok. C u Dok. D rispettivament). Dan il-fattur ukoll ghandu jimmilita favur il-bidla mixtieqa.

Illi di piu`, kif dina l-Qorti tista’ tikkonferma mid-Dokumenti C u D hawn ezibiti, l-isem proprju tat-tarbija ghandu jkun RUBY EMAD ALI, u l-Kunjom JWILG, biex *jinkorpora* skont it-tradizzjoni musulmana **l-isem** tal-missier, u l-kunjom patern, mentri fic-certifikat attwali hemm biss l-isem "Roben" u l-kunjom "Jwilg").

Illi fic-cirkostanzi, peress illi din binthom jixirqilha u tehtieg li jkollha isimha indikat **korrettement** fl-atti *kollha* tal-istat civili, (u mhux uhud iva u whud le) u billi ma jaghmilx sens li din il-persuna tibqa' iggorr fuqha din l-anomalija (***isem maskili)*** tul hajjitha kagunata bi zbalji genwini, l-Esponenti qed **rispettosament jitlolbu** - a tenur tal-Art. 253 (1) u (2) tal-Kap. 16 Ligijiet ta' Malta li din l-Onorabbli Qorti joghobha (1) tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra l-korrezzjonijiet u/jew annotazzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid **ta' 'l fuq imsemmija bint l-Atturi, billi** fit-tielet kolonna *(hemm jew ismijiet moghtija*) minnflok l-isem "Roben" idahhal l-isem **"Ruby"** u biex dan jigi segwit bl-ismijiet paterni **"Emad Ali"** kif rifless fid-***dokmenti C u D rispettivament)***, u li fil-kolonna dwar *l-isem jew ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha* "tidhol il-kelma **"Ruby"; u fit-tieni lok** (2) tordna wkoll (a tenur tal-artikolu 253(3) tal-istess Kap 16, li t-tibdil hekk effettwat fl-att tat-twelid bir-registrazzjoni imsemmija jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess persuna.

**U dan (a) prevja l-avviz statutorju fil-Gazzetta tal-Gvern qabel ma jinbeda s-smigh tal-kawza, a tenur tal-art. 254 (1) u (2), (b)** prevja wkoll d-dikjarazzjoni li l-isem **Ruby** huwa l-isem li bih it-tifla tal-Atturi dejjem u kostantement giet u ghadha tigi msejha, u li z-zewg ismijiet addizzjonali huma tradizzjonalment mehtiega gewwa familja Libjana (kif jigi pruvat fit-trattazzjoni).

Bl-ispejjes.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta' Mejju 2018.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u tal-Avukat Generali  datata 7 ta' Mejju 2018 (fol 17) fejn Av. Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza tal-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat is-segwenti:

1. Illi *in limine litis* l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni u dan *ai termini* tal-Artikolu 181 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi bla pregudizzju ghal premess u in vena preliminari ukoll, l-esponenti hija tal-umli fehma illi ghall-integrita' tal-gudizzju, ghandha tigi kjamata in kawza bint ir-rikorrenti u cioe', Roben Jwilg, li ghandha tkun debitament rapprezentata u dan *stante* li t-talbiet kif dedotti jirrigwardaw proprju l-Att tat-Twelid tal-minuri bin-numru progressiv 5837 tas-sena 2013;

3. Illi bla hsara wkoll ghas-suespost, huwa wkoll mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi subordinatament u bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponenti tirrileva li mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

5. Illi abbazi tal-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrenti qed jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna illi isem il-minuri Ruben Jwilg jigi sostitwit b'Ruby Emad Ali Jwilg fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 5837 tas-sena 2013, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1'. L-esponenti tirrileva illi ghalkemm id-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat jikkorroborraw li l-minuri hija maghrufa bl-isem ta' Ruby Emad Ali, ikun idoneju u essenzjali li r-rikorrenti jipproducu iktar provi u/jew iresqu xhieda affidabbli *viva voce* jew affidavits ta' familjari, hbieb u konoxxenzi tar-rikorrenti stess li jsahhu l-pozizzjoni tar-rikorrenti u dan kif proprju jezigi Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi maghdud mal-premess, ir-rikorrenti qed jitolbu illi barra li ssir korrezzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv ta' 5837 tas-sena 2013, ghandha ssir ukoll korrezzjoni f' kull Att tal-lstat Civili relattiv ghall-minuri. Illi sabiex ikun hemm tali tibdil a tenur tal-Artikolu 253 sub-inciz 3 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrenti ghandhom jispecifikaw liema Atti huma tal-fehma li ghandhom jigu korretti;

7. Illi subordinatament u bla hsara ghas-suespost, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponenti tirrimetti

ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponeni teccepixxi illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti ma hijiex attribwibbli ghal xi ghemil hazin tal-esponenti u ghaldaqstant ir-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti u kif ukoll ghall-ispejjez tal-kawza istanti. Fil-fatt il-missier kien iddikjara l-isem tal-minuri fid-Dikjarazzjoni tat-Twelid, hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 2', liema informazzjoni sussegwentament giet inserita fl-Att tat-Twelid in kwistjoni, fejn il-missier ghal darb'ohra ffirma u ghaldaqstant deher li accetta u kkonferma l-informazzjoni nserita minnu fl-Att tat-Twelid imsemmi. B'hekk permezz ta' dan kollu ma jirrizultax illi kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku u *stante* dan, l-esponent ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 17 ta' Mejju 2018 (fol 25) fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Joseph Pace ghall-atturi, l-attrici prezenti fl-Awla. Dehret Dr Mireille Sacco ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku. Dr Pace talab li l-okkju tal-kawza jigi korrett billi wara l-ismijiet tal-atturi jizdiedu l-kliem "kif ukoll bhala kuraturi *ad litem* ta' binthom minuri

Roben". It-talba mhix opposta. Il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lill-atturi bhala kuraturi 'ad litem’ ta; binthom minuri u awtorizzat il-korrezzjoni kif mitluba. Dr Sacco taghti ruhha b'notifikata bir-rikors kif korrett. Dr Pace rrimetta ruhu ghall-ewwel (1) eccezzjoni rigward il-'locus standi’ tal-Avukat Generali f’dawn il-proceduri. Dr Pace prezenta affidavit *seduta stante*, u ghandu jghaddi kopja tal-istess lid-difensur tal-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tar-rikorrenti u sabiex l-intimat jiddikjara jekk ghandux provi ohra x'jipproduci ghall-21 ta’ Gunju 2018 fid-9:30a.m.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 10 ta’ Jannar 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Ir-rikorrent u d-difensur tieghu msejha tliet darbiet ma dehrux. Dr Stephanie Ellul iddikjarat li ma kellhiex aktar provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Frar 2019 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta’ ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** saret debitament fid-29 ta’ Marzu

2018 (fol 16), b'hekk it-tielet eccezzjoni tal-intimat hija sorvolata.

Referibbilment ghat-tieni eccezzjoni, din hija wkoll sorvolata bil-korrezzjoni, kif awtorizzata b'digriet tas-17 ta' Mejju 2018, ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

B'referenza ghall-ewwel eccezzjoni, li l-Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri, l-avukat difensur tar-rikorrent, ivverbalizza fis-seduta datata 17 ta' Mejju 2018, li huwa jirrimetti ruhu ghall-ewwel eccezzjoni. Ghalhekk ser tilqa' l-ewwel eccezzjoni u ser tillibera lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju.

Ir-rikorrenti qed jitolbu li jigi korrett l-att tat-twelid tal-minuri binthom billi isem it-tarbija ghandu jkun indikat bhala “Ruby” u mhux “Roben”.

Illi fil-mertu, ir-rikorrenti ghandha tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-minuri hija konsistentement maghrufa bl-isem “Ruby”. Ghal dan il-ghan, esebew vera kopja tal-passaport Libjan tal-minuri Ruby Emad Ali Jwilg, Dok C mar-rikors promotur, u Dok D, kopja tal-karta tal-identita` Maltija tal-istess minuri. Gew esebiti wkoll dokument tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni a fol 43 *et sequens* li jidher li l-minuri hi msejha Ruby.

Inoltre`, giet ukoll ipprezentata dikjarazzjoni solenni ta' Mohamed Ali Gweleg, li qal li hu z-ziju tal-minuri registrata

bl-isem Roben Jwilg. Spjega li meta twieldet it-tarbija, hu kien Malta u akkompanja lil huh, missier it-tarbija, li ma kienx jitkellem bl-Ingliz, sabiex jigi registrat l-isem fir-Registru Pubbliku. Hu kkonferma li l-omm kienet qaltlu biex isemmi lit-tarbija “Ruby” izda minflok huwa bi zball tahom l-isem “Roben” li kien isem zbaljat ghax kien fehem hazin u kien zball tieghu.

**Manal Bashir Moh Ben Shebel** ikkonferma b’affidavit, li jaf lir-rikorrenti personalment. Qal li mindu kienet zghira l-genituri taghha dejjem ghajtulha Ruby, u qal ukoll li Ruby huwa isem li jafuh u juzawh fil-Libya.

**Magora Samira Ali Ayad**, qalet li taf lir-rikorrenti, u taf li lit-tifla taghhom, sa minn ckunitha kienu jsejhulha Ruby.

Illi fid-dawl ta’ dawn l-affidavits u d-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielhom jippruvaw li binthom minuri hija konsistentment maghrufa u msejha sa minn ckunitha bl-isem “Ruby”.

Ikkunsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta’ din il-kawza.

Izda, taqbel mal-intimat, li ma jirirzultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid, kif jidher minn Dok DRP2 esebit mar-risposta tal-intimat. Ghalhekk, taqbel mal-intimat li mghandux ibati l-ispejjez ta’ din il-kawza.

Referibbilment ghal dak mitlub fit-talbiet tar-rikrorenti, li t-tibdil effetwat ghandu jigi rifless f'kull att tal-istat civili, jigi ritenut, li din it-talba mhijiex konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16, billi l-atti ma gewx indikati bin-numru u s-sena relattivi. Ghalhekk, ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba sabiex izzomm ferm id-drittijiet tar-rikorrenti li jergghu jirrikorru in gudizzju ghall-korrezzjonijiet f'atti ohra, jekk ikun il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti billi tordna li l-att tat-twelid tal-minuri bin-numru 5837 tal-2013, jigi korrett, **billi** fit-tielet kolonna *(isem jew ismijiet moghtija*) minnflok l-isem "Roben" idahhal l-isem **"Ruby"** u biex dan jigi segwit bl-ismijiet **"Emad Ali",** u li fil-kolonna dwar *l-isem jew ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha* "tidhol il-kelma **"Ruby";**

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba ghar-ragunijiet spjegati fis-sentenza;

Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali u tilliberah mill-osservaza tal-gudizzju.

Tordna wkoll illi kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kodici Civili** sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, issir id-debita korrezzjoni hawn fuq ordnata.

**L-ispejjez kollha jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Frar 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Frar 2019**